MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2014

Numru. 272/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Dean Camilleri**

**Kumpilazzjoni Nru: 272/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Dean Camilleri, iben Mario u Judith nee' Falzon, imwieled Pieta' fis-16 t'Awwissu, 1985 u residenti gewwa Block 7, Flat 6, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, Malta u detentur tal-karta ta' l-identita' Maltija numru 425485(M).

Akkuzat talli:

Nhar is-17 ta' Marzu 2014, gewwa Pembroke u f'dawn il-Gzejjer:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt cioe' minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja fil-periklu car, permezz ta' xi arma regulari jew irregulari, strument jew ghodda ohra, ittanta jikkometti ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Liam Camilleri u wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta tieghu;
2. U kif ukoll talli ikkanguna feriti ta' natura hafifa fuq Liam Camilleri hekk kif iccertifikat Dr. Veronica Said Pullicino M.D. mill-Isptar Mater Dei;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurja jew hedded lil Liam Camilleri;
4. U aktar, talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' ta' Liam Camilleri jew biex tinzamm l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza' ta' vjolenza.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 216, 217, 221, 222(1)(a), 338(dd) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel u r-raba imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat li l-parte leza Liam Camilleri ddikjara li qed jahfer lill-imputat u li qed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali kull fejn din hija rinunzjabbli.

Rat l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-parte leza Liam Camilleri rrinunzja ghall-azzjoni kriminali kull fejn din hija rinunzjabbli; ghalhekk fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjoni l-procediment huwa ezawriet.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfajentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu, u min-naha l-ohra

l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, ic-cirkostanzi familjari li wasslu ghall-incident de quo u ghall-fatt li l-partijiet koncernati hafru lil xulxin.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti fil-waqt li tiddikjara l-procediment ezawriet fir-rigward tat-tieni u t-tielet imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 216, 217, 222(1)(a) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sena (1) bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sena u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta'l-Ufficju tal-Probation.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------